# SAN ĠILJAN FIL-FOLKLORE MALTI



L-Istatwa ta' San Ġiljan bil-menqgħa quddiemu, imsemmija fl-artiklu

Id-dehra ta' San Ġiljan qiegħda tinbidel mil-lejl għan-nar f'dawn l-aħħar snin. It-tfal tal-lum igħixu madwar id-daħla ta' San Ġiljan, il-għolja Ta' Ġiorni, is-slielem tal-wied magħrufa bħala "The Village", il-ħotba magħrufa l-lum bħala "The Gardens", it-triqat imlaqqma Paceville fuq il-warrani tal-Palazz Spinola, il-wesgħat tas-Swieqi, il-bini jgħatti l-ispalla ta' Wied il-Kbir isibuh bħala Tal-Ibraġ, il-"vilel" sbieħ u mhumiex biswit il-"belt militari Ingliża" ta' St. Andrew"s, il-"Housing Projests" fuq art li dari l-Militar kien sejjaħ, St. Andrew's, Pembroke, St. Patrick's u St. George's...u dawn ma' kull jum li jgħaddi aktar jimtlew bin-nies, barra dawk in-nies li kull nhar ta' Sibt fil-għaxija l-lum jinżlu minn Malta kollha fil-postijiet ta'divertiment ġewwa u madwar Paceville, qajla jistgħu jifhmu kemm u kif San Ġiljan ta' mitt sena ilu kellu xeħta oħra mil-lum.

Mhux biss id-dehra kienet xeħta oħra. Il-ħajja kellha binja oħra wkoll. Kien żmien meta r-Reġina Vittorja kienet qiegħda tirrenja matul l-aqwa żmien ta' l-Imperu Ingliż u Malta moħħha meħud fil-kwestjonijiet politiċi marbuta mal-Kunsill tal-Gvern bl-ewwel tqanqiliet ta' partiti politiċi, imma San Ġiljan kien dak iż-żmien bogħod mill-Belt u min kien ried jaħrab l-agħagħ tal-Belt kien jinżel bil-lanċa minn Marsamxett għax-Xatt, tas-Sliema, u minn hinn jaqbad karozzin ħalli jġibu l-Balluta minn Prince of Wales Road, jew jaqbad u jimxiha, għax dari dak li jkun il-mixi kien ikollu jfittxu wisq aktar mil-lum.

Max-xitwa San Giljan jitbattal u mas-sajf jinżlu l-puliti mil-belt u jimlew id-djar għas-sajf. Is-suldati Ingliżi, u dan ifisser mhux biss Ingliżi imma wkoll Welsh, Skoċċizi u Irlandiżi, kienu jitħajru jersqu lejn San Ġiljan. U mhux biss lejn San Ġiljan. Xi whud minnhomm moħħhom fir-riħ, oħrajn jiġġennu wara t-tfajliet Maltin. Daqstant kien ikun hemm żwiġijiet li daqs mitt sena ilu f'Malta kienet qamet il-kwestjoni msejħa "żwiġijiet imħallta" fejn l-għarus ikun Protestant u l-għarusa Roman Catholic. Il-Gvern Ingliż kellu jibgħat ambaxxata speċjali ġewwa l-Vatikan sabiex jirregola ż-żweġijiet li kienu jsiru f'Malta bejn Ingliżi u Maltin. Min jaf kemm suldati ta' riġimenti Ingliżi terrqu 'lura lejn il-"barracks" ta' St. Andrew's u huma u mexjin moħħhom tar lejn meta ħallew in-namrata jew l-għarusa Maltija. Il-lum dan kollu ndifen fit-tifkira taż-żmien.

Bħalma l-lum anqas baqa' t-tifkira ta' drawwiet qodma. Għal tmiem is-sena 1894, Dott. Luigi Bonelli, għalliem fl-Istituto Orientale ta' Napli, l-Italja, kellu l-inkarigu mill-Ministero della Pubblica Istruzione tal-Italja ħalli jasal wasla sa Malta, jistudja l-ilsien Malti u kif kien hawn għamel ġabra siewja ta' tagħrif marbut mal-Folklore Malti. Dan it-tagħrif wasal għand il-magħruf studjuż Sqalli, G. Pitrè, għax dan ukoll kien jixxiegħel għall-istudju tal-Folklore, billi Bonelli beda jghaddi lil Pitrè t-tagħrif li jiġbor f'serje ta' ittri.

Bonelli ġie Malta u ġmielu beda jdur u jiltaqa' ma' diversi nies ħalli jtarrfulu fuq il-għerf bla miktub tal-Maltin. Huwa ltaqa' wkoll mal-Kapillan ta' San Ġiljan. Dan kellmu fuq drawwa qadima sewwa u li, għalkemm fiż-żmien kien hemm min jagħmilha, madankollu wkoll mitt sena ilu kienet bdiet tinqata' u tintesa.

San Ġiljan ta' mitt sena ilu u fuqhom, fejn Wied Għomor jinżel ħelu ħelu mal-baħar, fi lsien baħar li l-lum insibuh bl-isem ta' Spinola, kien hemm statwa tal-ġebel ta' San Ġiljan wieqfa fuq plier, u għadha hemm il-lum. Ħdejn l-istatwa kien hemm bħal għajn ta' l-ilma ġieri, bħallikieku qatgħa fl-art, il-lum imgħotti kollox.

Omm li ssib lil binha marid bil-ħuttafa, kienet tieħdu quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan, tgħattih bir-ramel, u waqt li tħallilu ħwejġu fir-ramel, taqbdu u taħslu fl-"ilma tal-qaddis", fin-nixxiegħa qrib, u hija u tagħmel dan kienet iddawwar ħarsitha lejn San Ġiljan u tgħidlu: "Dak mhux ibni, bdiltuli; tfejjaquli jew inħallihulek f'wiċċek."

L-ommijiet meta jaraw ċertu mard fuq uliedhom, kienu jqisu li saret "bidla" fihom. Meta tifel kien jimrad bil-"biċċa", l-omm kienet twaħħal fis-saħħara li kienet "bidlitu" u lit-tifel tqisu bħala "mibdul".

Bonelli jsemmi wkoll ġrajja li wieħed Malti kiteb fuqha fl-1894 u li qal raha ssir ġewwa Wied il-Għajn fis-sitta ta' fil-għodu. Erba' nisa resqu

ikompli f'paġna 6

ikompli minn paġna 5

lejn ix-xatt. Kellhom tifla tarbija ta' xahrejn. Waħda minnhom, l-omm, marret inħbiet wara ħajt. It-tlieta l-oħra ħaffru ħofra fir-ramel xi ħames passi mill-baħar. Poġġew it-tarbija fil-ħofra, għattewha bir-ramel sa spallitha. It-tarbija, imsejkna, bdiet twerżaq twerżiq tal-ġenn hekk kif sabet ruħha waħedha midfuna fir-ramel.

Dak il-ħin, ommha li kienet moħbija wara ħajt, bdiet tgħajjat; Agħtuni lil binti! It-tlieta l-oħra weġbuha għal tliet darbiet: Din mhix bintek! It-tarbija baqgħet tixher kemm tiflaħ. Wara ftit, l-omm ħarġet minn wara l-ħajt fejn marret tinħeba u b'idha tgħatti lil għajnejha resqet lejn fejn kienu n-nisa l-oħra madwar it-tarbija midfuna fir-ramel.

## Sabu Tarbija

It-tliet nisa tellgħu t-tarbija minn ġor-ramel, neħħewlha ħwejjiġha, waħda minn dawk it-tliet nisa marret difnet ħwejjeġ it-tarbija fejn kien hemm il-ħofra fir-ramel, u lit-tarbija libbsuha ħwejjeġ ġodda. Wara li n-nisa qalu ftit talb, telqulha 'l ura lejn Ħaż-Żabbar.

Min ra dan kollu, resaq lejn sajjied u staqsieħ għala ġara dak li ġara. Is-sajjied wieġbu li dik it-tarbija kienet truxa. Dik il-"bidla" saret ħalli t-tarbija tiġi tisma'!

Qabel ma nitħajru nitbissmu għal ġrajja bħal din jew drawwiet oħra tax-xjuħ tagħna marbuta mat-twelid, saħħa u mewt, drawwiet li mingħalina marbuta ma' żmien imbiegħed meta San Ġiljan kellu bħala knisja parrokkjali dik qadima magħrufa bħala Ta' Lapsi, ikun jaqbel nidħlu daħla fina nfusna u niftakru li l-lum, minkejja t-tagħrif ġdid xjentifiku, siewi u f'waqtu li x-xjenza medika għandha għalina l-lum, kemm nies jinġabru fil-knisja parrokkjali ġdida ta' San Ġiljan u jiġu minn Malta kollha bi ħġarhom għal "laqgħa ta' fejqan" stil modern jew kif jafuha la Ingliża, "healing service" darba fix-xahar! Kull żmien għandu x-xenarju jixraq għall-kwadru tal-ħajja ta' kuljum.

Iż-żewġ stejjer jew ġrajjiet li Bonelli sar jaf bihom u ġibniehom hawn, fihom it-tifsir partikolari tagħhom. Ħaġa ħafifa twarrabhom bħala superstizzjonijiet, nuqqas ta' tagħlim, folklore tal-kampanjoli. Nieqfu ftit naħsbu fuq dawn iż-żewġ drammi, għax drammi huma, mill-ħajja ta' kuljum.

Il-protagonisti, jew prim atturi fid-dramm, huma nisa, jew, biex inkunu eżatti, ommijiet. Dawn jifhmu u jħossu wisq eqreb mir-raġel il-ħajja, is-saħħa tal-wild, it-trobbija u l-periklu ta' kuljum għat-trobbija: il-mewt. Għalhekk, ġewwa San Ġiljan għandek l-omm waħedha tmur tiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' San Ġiljan, u daqstant tistenna minn għandu li huwa jindaħal għaliha quddiem il-Mulej bħala s-Sid tal-Ħolqien, li nistħajluha wiċċha jaqlagħha meta fid-deher bi kliemha bilkemm ma theddux li jekk hija ma jkollhiex il-fejqan ta' binha, "tħallihulu ma' wiċċu"! Għax, kif tifhimha hija, ladarba huwa Qaddis u dak li hija qiegħda titlob hija tifhmu bħala tajjeb, mela għandha "jedd" taqla' l-grazzja li tixtieq. Min jaf kemm nies ma' kull jum li jisbaħ il-lum, taħt xeħta jew oħra, iġibu ruħhom fi kliemhom u għemilhom bħal dik il-mara maħsuba "injoranta" jekk ma ninġabrux ftit fina nfusna u neżaminaw bir-reqqa għemilna ta' kuljum.

## Żewġ Rakkonti

Hemm ukoll il-"bidla" fiż-żewġ rakkonti. L-ommijiet jagħmlu ta' bi ruħhom qegħdin "jidfnu" t-tarbija sabiex "imewtu" dak li jqisuh "imgħobbi bil-ħsara" u mill-mewt jistennew titwieled ħajja ġdida, il-ħajja li jixtiequ għal uliedhom. L-omm li marret quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan fi Spinola, ħadet ħsieb taħsel it-tarbija fl-ilma ġieri tal-għajn qrib. L-ilma jfisser tisfija ta' dak li kien qabel ħalli l-ġdid ikun nadif, safi...dak l-ilma qisna ninsew il-lum kemm neħtiġuh fil-ħajja ta' kuljum u kemm mingħajru l-bniedem ma jistax igħix.

Jekk inkunu nafu ġrajjiet tal-imgħoddi, nifhmu kemm l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan fi Spinola kienet u għadha tfisser fil-ħajja ta' kuljum madwarna.

A.A.M.

